**9. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Giorgio Borg Olivier, f'isem l-Oppożizzjoni, ressaq din l-emenda għall-vot ta' ringrazzjament propost mill-kollega tagħna l-Perit Vella. U l-emenda tgħid hekk:**

1. Filwaqt li mhux talli ma sar ebda aċċenn għall-pjan tal-Gvern għal wara l-1979, jidher li anqas l-istess Gvern ma hu ċert min dawn il-pjani, jekk għandu, tant li qed jgħid li l-poplui "jekk joħroġ rebbieħ isir verament nazzjon".

2. Il-Gvern ma semma xejn dwar kif se joħloq l-eluf ta' impiegi meħtieġa sa l-1979 u minn fejn se jġib il-Lm120 miljun iżjed li hemm bżonn biex jilħaq l-iskopijiet tiegħu;

3. Il-Gvern ma għamel ebda riferenza għall-Pjan ta' Żvilupp ta' Seba' Snin, jekk intlaħqux it-*targets* indikati fil-pjani u jekk le għaliex;

4. Il-Gvern ma semma xejn dwar il-prezz taż-żejt, kemm qed jiġi għalih u kemm qed jaqla' minn fuqu u lanqas dwar fiex waslet l-esplorazzjoni għaż-żejt fuq il-blata kontinentali;

5. Il-Gvern ma ta ebda indikazzjoni dwar il-progress fis-settur ta' l-industriji tal-poplu u l-futur tagħhom u oħrajn simili;

6. Il-Gvern ma qal xejn dwar kif se tinqata' l-ħela msemmija fil-ħobż, ilma u pitrolju mingħajr ma togħla l-ħajja.

26.11.1976